C/2026/6131

19.11.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12609 — CERTARES / FS INTERNATIONAL / TRENITALIA FRANCE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/6131)

1. Fl-10 ta' Novembru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Certares Management LLC ("Certares Management", l-Istati Uniti),

— FS International S.p.A. ("FS International", l-Italja), ikkontrollata minn Ferrovie dello Stato Italiane S.p.A. ("Ferrovie"), il-kumpanija azzjonarja tal-grupp ferrovjarju Taljan tal-istat ("Ferrovie Group"),

— Trenitalia France S.A.S. ("Trenitalia France", Franza), li bħalissa hi kkontrollata kollha kemm hi minn Ferrovie permezz ta' FS International.

Certares Management u FS International se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Trenitalia France.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Certares Management hija ditta ta' investiment iffukata fuq l-ekosistema tal-ivvjaġġar, tat-turiżmu u tal-ospitalità, b'attivitajiet globali,

— Ferrovie Group, permezz tas-sussidjarji tiegħu, huwa attiv fil-ġestjoni tal-infrastruttura ferrovjarja u tat-toroq, it-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri u tal-merkanzija, u servizzi relatati, primarjament fl-Italja u — permezz ta' FS International sa fejn huwa kkonċernat it-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri — madwar l-Ewropa.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Trenitalia France huma dawn li ġejjin: il-forniment ta' servizzi ta' trasport ferrovjarju tal-passiġġieri b'veloċità għolja fi Franza u fuq rotot transfruntieri.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12609 — CERTARES / FS INTERNATIONAL / TRENITALIA FRANCE

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË